MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 375/2003

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**vs**

**Patricia Calabretta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Patricia Calabretta fejn ippremettiet :-

Illi s-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited intavolat mandat ta' qbid Numru 143/03 kontra r-rikorrenti nhar l-24 ta' Jannar, 2003 fl-ammont ta' tletin elf lira maltin (Lm30,000);

Illi fl-imsemmi qbid ma kienx hemm indikazzjoni tal-kawzali ghajr li kien hemm ksur tal-kundizzjonijet ta' ftehim, minghajr ma gie indikat liema ftehim qed taghmel referenza ghaliha s-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited, jew liema klawsola giet miksura, jew kif gie likwidat dan l-imsemmi ammont;

Illi dan il-mandat ma giex precedut b`ittra ufficjali sabiex tinterpella lill-esponenti, u ghalhekk huwa intempestiv ai termini tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi l-ammont imsemmi mis-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited huwa wiehed bla bazi ta' xejn u in effetti ma hemm l-ebda pretiza sabiex issostni dan l-ammont u ghalhekk dan il-mandat m`ghandux jibqa` fis-sehh u dan ai termini tal-artikolu 836(d) u (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma tezisti ebda relazzjoni guridika bjen l-esponenti min-naha wahda u s-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited min-naha l-ohra;

Illi semmai u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk qatt sar xi ftehim, dan sar bejn partijiet aljeni ghar-rikors odjern, u cioe` bejn min-naha wahda s-socjeta` Oscedet Limited li taghha l-esponenti hija direttrici u min-naha l-ohra s-sid tal-fond ossia spizerija adjacenti mas-supermarket Nicholsons f`Attard, u cioe` S.O.C. & K Limited, u ghalhekk dan il-mandat huwa mankanti minn kull bazi legali u interess guridiku u ghaldaqstant huwa null u bla effett;

Illi fir-rigward il-mandat ta` qbid hawn fuq imsemmi, jigi rilevat illi fl-ezekuzzjoni li saret fl-indirizz indikat bhala "Aristocrat", Triq Villa Ambrosa, Hamrun, gew elevati u

maqbuda oggetti mhux proprjeta` tal-esponenti izda proprjeta` tas-socjeta` Veste Uomo Limited li m`hijiex parti fil-proceduri odjerni u ghaldaqstant huwa fl-ahjar interessi tal-gustizzja li jigu rilaxxati l-istess oggetti sabiex ma jigux kawzati danni ulterjuri u ingustifikati lill terzi;

Illi dan il-mandat huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk ghandu japplika l-artikolu 836(8)(d) tal-Kodici tal-Procedura kontra s-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited;

Illi in ogni kaz il-mandat odjern sar bi skop wiehed biss u cioe` li jivvessa lill-esponenti u sabiex jikkawzalha hsara u dannu inutli;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti, u in vista tal-fatt li fil-mankanza tar-revoka tal-mandat odjern data n-natura tal-kaz fejn jistghu jigu sofferti danni ingenti mill-esponenti ghandha tigi applikata s-sanzjoniu tal-artikolu 838A :

a) Tordna r-revoka tal-mandat odjern fl-ismijiet fuq imsemmija ai termini tal-artikolu 836 tal-Kodici tal-Procedura;

b) In mankanza ta’ tali revoka tordna li tingieb garanzija xierqa ghal-hlas ta’ penali ai termini tal-artikolu 838A tal-Kodici tal-Procedura;

c) Tordna li s-socjeta` Nicholsons The Supermarket Limited thallas penali kif stipulat fl-artikolu 836(8) ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ai termini tas-subartikoli (b) u (d) ta’ l-istess artikolu;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' intimata fejn gie sottomess :-

Illi ai termini tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta is-socjeta` esponenti qeghda tipprezenta il-prezenti nota sabiex tesponi, fl-opinjoni taghha, ir-ragunijiet ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex tilqa’ it-talba tar-rikorrenti;

Illi primarjament ghandu jigi rilevat illi dina l-Qorti kif presjeduta mhiex il-Qorti kompetenti li titratta ir-rikors promotur u dana stante illi ai termini tal-artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors kontemplat f`dan l-istess artikolu ghandu jigi prezentat, meta tkun saret kawza, lil dik il-Qorti li tkun qeghda titratta il-kawza fuq il-mertu u fil-kaz odjern hemm kawza prezentta fl-ismijiet The Nicholsons Supermarket Limited vs Patricia Calabaretta li ggib ic-citazzjoni numru 136/2003 JRM fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Joseph R Micallef b`liema kawza ir-rikorrenti hija ghal konoxxenza stante li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti kienet ticcita l-artikolu 836(8) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, haga li ma ghamlitx;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu jinghad illi dak sottomess fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur u cioe li ma hemmx kawzali cari indikati fil-mandat mertu tar-rikors odjern ma hux ta' rilevanza stante illi meta is-socjeta` esponenti prezentat ir-rikors ghall-hrug tal-istess mandat dina l-Onorabbli Qorti ezaminat l-istess att u kienet sodisfatta li ir-rekwiziti stabbilit mil-ligi ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju kienu sodisfatti u b`hekk laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-istess mandat. Ghaldaqstant is-socjeta esponenti tirrileva illi dina l-kwistjoni diga giet ittrattata u deciza minn dina l-Onorabbli Qorti;

Illi fi kwalunkwe kaz l-allegazzjoni kontenuta fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur li fil-mandat ta' qbid mertu ta' dana ir-rikors ma hemmx indikazzjoni tal-kawzali hija wahda infondata u dana stante illi l-kawzli huma li s-somma pretiza fl-istess mandat hija pagabbli in vista ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' ftehim ovvjament bejn il-partijiet liema kawzali tirrizulta b`mod car mill-att tal-istess mandat;

Illi minghajr pregudizzju anke li kieku dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ma hemmx kawzali cari indikati fil-mandat mertu tar-rikors odjern dana il-fatt ma jikkwalifikax bhala wahda mir-ragunijiet ghall-hrug ta’ kontro mandat ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-fatt per se illi l-kawzali ta’ mandat kawtelatorju ma jirrizultaw b`mod car mill-atti tal-istess mandat ma jgibx mieghu in-nullita` tal-istess mandat u dana kif jirrizulta mill-artikolu 831(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dak sottomess fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur huwa zbaljat u dana fis-sens illi l-artikolu 836(8)(b) ma jghidx illi l-hrug ta’ mandat kawtelatorju ghandu jkun precedut b`ittra ufficjali li tinterpella lill-intimat izda tghid “huwa jkun b`xi mod (verzjoni Ingliza – in any manner) talab lill-konvenut ihallas id-dejn” u ghaldaqstant anke interpellazzjoni verbali hija sufficjenti;

Illi s-socjeta` esponenti tissottometti illi hija ottemprat ruhha ma dak stipulat mil-ligi fl-artikolu citat;

Illi nonostante l-artikolu 836(8)(b) jitkellem dwar tlett cirkostanzi u jekk l-attur jipprova wahda mic-cirkostanzi l-artikolu citat ma japplikax;

Illi dak sottomess fir-raba paragrafu tar-rikors promotur u cioe li l-ammont pretiz huwa bla bazi u li ma hemm ebda pretiz sabiex issostni dan l-ammont hija sottomissjoni infondata u hija semplicement opinjoni tar-rikorrenti u sabiex dina tigi sorvolata dina l-Onorabbli Qorti ser ikollha tanticipa is-smiegh tal-kawza prezentata dwar il-mertu u tisma il-prova kollha fir-rigward, li mhux kompitu ta’ dina l-Onorabbli Qorti f`dawn il-proceduri. Fir-rikors odjern huwa

biss necessarju illi prima facie jirrizulta illi l-ammont pretiz huwa gustifikat;

Illi ghal dan il-ghan is-socjeta esponenti taghmel riferenza ghad-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant taghha fl-atti tal-kawza fl-ismijiet The Nicholsons Supermarket Limited vs Patricia Calabretta li ggib ic-citazzjoni numru 136/2003JRM fil-Prim`Awla tal-Qorti preseduta mill-Imhallef Joseph R Micallef li fl-umili opinjoni tas-socejta esponenti hija sufficjenti sabiex prima facie tipprova li l-ammont pretiz huwa gustifikat;

Illi dak sottomess fir-raba u l-hames paragrafu tar-rikors promotur apparti li huwa assolutament infondat ma huwiex ta’ kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti fil-proceduri odjerni u dana stante illi dina hija allegazzjoni li tirikjedi ezamina bir-reqqa ta’ provi estensivi u l-procedura odjerna ma tikkontemplax is-smiegh tal-provi jfil-mertu dwar il-kaz il-kwistjoni;

Illi ghandu jigi rilevat illi ai termini tal-artikolu 836 dina l-Onorabbli Qorti ghandha tittratta ic-cirkostanzi stipulati fl-istess artikolu li jiggustifikaw il-hrug ta’ kontro mandat u mhux cirkostanzi li jgibu in-nullita` ta’ gudizzjarju jigi rilevat illi l-mankanza ta’ relazzjoni guridika ma iggibx maghha in-nullita` ta’ att gudizjarju, kif tallega ir-rikorrenti, imma se mai tillibera lil dik il-parti mill-osservnza tal-gudizzju haga li mhux ta’ kompetenza ta’ dina l-Onoralli Qorti li tiddetermina fil-proceduri odjerni stante li tkun qed tanticipa is-smiegh tal-provi fil-kawza dwar il-mertu li huwa il-forum propizju li fih ghandha tigi determinata kwistjoni bhal din;

Illi ghal kull buon fini jigi dikjarat illi relazzjoni guridika bejn il-partijiet tezisti stante illi ftehim bejn il-partijiet kien hemm u da parti tas-socjeta esponenti dejjem onorat dana il-ftehim u ghal xi zmien anke ir-rikorrenti kienet tonorah sakemm kisret il-kundizzjonijiet ta’ tali ftehim li hija l-kawzali tal-proceduri gudizzjarji odjerni kollha;

Illi dak sottomess mir-rikorrenti fis-sitt paragrafu tar-rikors promotur huwa impossibbli u dana stante ilil mandat qatt

ma jista jkun frivolu u vessatorju u hija biss t-talba ta' rikorrent se mai li tista tkun frivola u vessatorju.

Illi f`dan ir-rigward jigi rilevat illi t-talba tas-socjeta esponenti hija wahda gustifikata u fondata u bl-ebda mod ma hija frivola u vessatorja u dana kif ser jigi pruvat;

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-seba' paragrafu tar-rikors promotur hija wahda li qed tigi kategorikament respinta mis-socjeta` esponenti;

Illi dak sottomess fit-tmien paragrafu tar-rikors promotur huwa tali li ghandu jkun sostnut bi provi sufficjenti li permezz taghhom jintwera lil dina l-Onorabbli Qorti kawza gusta ghall-applikazzjoni tal-artikolu 838A haga li r-rikorrenti ma ghamlitx u semplicement ghamlet allegazzjoni li skond hi hija sufficjenti ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu;

Illi inoltre jigi rilevat illi t-talba indikata bhala (b) fir-rikors promotur hija redatta b`mod illi l-garanzija qed tintalab limitatament ghall-hlas ta' penali u xejn aktar. Jigi rilevat illi dina hija ukoll talba alternattiva ghall-ewwel talba indikata bhala (a) izda ghandu jinghad illi jekk dina l-Onorabbli Qorti ma issibx ragunijiet sufficjenti sabiex tirrevoka il-mandat odjern wisq anqas tista' tikkundanna lis-socjeta` esponenti thallas penali. Ghaldaqstant it-tieni talba tar-rikorrenti indikata bhala (b) ma tista qatt tigi milqugha u dana peress illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tornda r-revoka it-tieni talba ma tapplikax ghaliex hija alternattiva ghall-ewwel ("in mankanza ta' tali revoka") u f`ka li r-revoka ma tigix ordnata ma hemmx raguni ghaliex ghandu jigi impost penali u ghaldaqstant il-garanzija mitluba mhux necessarja;

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni li l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid kawtelatorju odjern mhux proprjeta tar-

rikorrenti izda proprjeta tas-socjeta Veste Uomo Limited jinghad illi tali allegazzjoni hija infondata u inoltre il-proceduri odjerni mhumiex dak appoziti sabiex jittrattaw allegazzjoni bhala din u hekk is-socjeta Veste Uomo Limited ghandha xi pretensjoni dina ghandha tressaqhom permezz ta' citazzjoni separata u appozita. Fi kwalunkwe kaz ma saret ebda talba mir-rikorrenti ghar-rilaxx ta' dawn l-oggetti ghalkemm anke li kieku dina l-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti titratta materja bhal din fil-proceduri odjerni;

Illi s-socjeta` esponenti umilment tissottometti illi r-rikors promotur huwa abbuz tar-rimedju kontemplat mil-ligi fl-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa semplicement tentattiv sabiex minghajr bazi legali ir-rikorrenti tevadi l-konsegwenzi li iggib maghha zlejalta fil-kamp kummercjali;

Illi inoltre is-socjeta esponenti umilment thoss illi li kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotur ghar-ragunijiet hemm esposti tkun qeghdha tannulla kull u kwalunkwe possibilita` illi kreditur jikkawtela il-pretensjonijiet tieghu permezz ta' mandat kawtelatorju;

Ghalhekk is-socjeta intimata talbet li dina l-Qorti :

1. tiddikjara illi mhux kompetenti titratta ir-rikors promotur u dana ai termini tal-artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fin-nuqqas tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom;

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra ir-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti u lix-xhud prodott mis-socjeta intimata;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2003;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti, Patricia Calabretta, tghamel referenza ghall-mandat ta' qbid kawtelatorju (numru 143/03) ottjenut kontra taghha mis-socjeta intimata Nicholsons The Supermarket Limited ghas-somma ta' tletin elf lira maltin (Lm30,000);

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tordna r-revoka tal-imsemmi mandat u dana a tenur tal-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili - Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas ta' tali revoka r-rikorrenti qed titlob li tigi applikata s-sanzjoni kontemplata fl-artikolu 838A tal-istess Kapitolu 12. Fl-ahhar nett ir-rikorrenti qed titlob li s-socjeta intimata tigi ordnata li thallas penali kif stipulat fl-artikoli 836(8)(b) u (d) dejjem tal-Kapitolu 12;

Ir-rikorrenti ghar-rigward tal-provedimenti tal-artikolu 836 tghamel referenza, fil-premessi tar-rikors promotur, ghas-sub-artikoli 1(d) u (f) ta' dan l-istess artikolu. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssostni li l-ammont indikat fir-rikors, bit-talba ghal hrug tal-mandat kawtelatoju in kwestjoni, huwa wiehed bla bazi. Ghalhekk dan il-mandat m`ghandux jibqa` fis-sehh u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn is-sub-artikoli mhux applikabbli u dana peress li bl-ebda mod ma ntwera li l-ammont in kwestjoni mhux prima facie dovut u lanqas ma jirrizulta ghar-rigward ta' dan l-ammont li fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju in kwestjoni. Ghandu jnghad ghar-rigward ta' dan l-ammont li dan hu kalkolu li sar mis-socjeta intimata ghar-rigward tad-danni li hi tippretendi li sofriet minhabba l-agir tar-rikorrenti. Hu ovvju li s-socjeta intimata trid terfa r-responsabilita ghar-rigward ta' dan l-

ammont f'kaz li eventwalment jirrizulta li dan hu esagerat jew li mhux dovuti ebda danni;

Ir-rikorrenti tghamel ukoll referenza ghas-sanzjoni kif mahsuba fl-artikolu 838A tal-istess Kapitolu 12. Ghar-rigward ta' dawn il-provedimenti ma tirrizulta ebda kawza gusta ghala s-socjeta intimata ghandha tigi ordnata tghati garanzija xierqa ghal-hlas ta' penali li tista' eventwalment tigi imposta u ta' danni u imghax;

Lanqas ma huma applikabbli l-provedimenti tal-artikoli 836(8)(b) u (d) dejjem tal-Kapitolu 12. Ghalhekk ma tistax tigi applikata l-penali kontemplata f'dawn l-artikoli stante li hawn si tratta ta' ammont li ghadu mhux likwidat u ghalhekk, skond dawn il-provedimenti, ma jidhirx li dan hu l-kaz ta' xi tip ta' interpellazzjoni, kif tidher li qed timplika r-rikorrenti. Ma jirrizultax sufficjentement li t-talba ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni saret b'malizija jew l-istess talba kienet frivola u vessatorja;

Ir-rikorrenti, fir-rikors taghha, tghamel referenza ghal dawk li, skond hi, huma nuqqassijiet fir-rikors tas-socjeta intimata li wassal ghal hrug tal-imsemmi mandat. Din il-Qorti, fil-presenti proceduri, zgur li m’ghandiex il-funzjoni ta’ Qorti ta’ revizjoni ghar-rigward tal-hrug tal-imsemmi mandat. Il-Qorti li ordnat il-hrug tal-mandat deherilha li kien hemm l-elementi kolha necessarji sabiex jinhareg l-imsemmi mandat u ghalhekk mhux ser jigu esaminati dan it-tip ta’ lamenteli da parti tar-rikorrenti;

Ir-rikorrenti tilmenta ukoll li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bjenha u bejn is-socjeta intimata. Din hi kwestjoni li esenzjalment tappartjeni ghall-meritu tal-vertenzi li jista jkun hemm bejn il-partijiet u ghalhekk pretensjoni bhala

din m'ghandiex tigi esaminata fi proceduri bhal dawk presenti;

Ir-rikorrenti tirreferi ukoll ghal post fejn saret l-esekuzzjoni tal-mandat u tirreferi ukoll ghal dik li hi l-proprjeta tal-oggetti li gew maqbuda. Dawn il-kwestjonijiet huma irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Hawnhekk si tratta priciplament ta' azzjoni ghar-revoka ta' att kawtelatorjju u dawn il-lamenteli tar-rikorrenti semmai ghandom jigi dedotti f'poceduri appositi u separati;

In vista tal-premess it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------